**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Gabriel Micallef u Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Ivan Galea**

**Illum, 7 ta' Awwissu 2023**

**Il-Qorti;**

Rat li Ivan Galea, ta' 48 sena, bin David u Maria Assunta nee` Vella, imwieled il-Pieta`, fil-05 ta' Ottubru, 1974 residenti Blk A, Fl 8, Triq San Nikola, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 500774M tressaq taħt arrest akkużat talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, b'riżoluzzjoni waħda:

1. *"Akkuzat talli nhar il-05 ta` Awissu, 2023, ghall-habta tat-15:00hrs u/jew fil-hinijiet ta` qabel, gewwa l-Belt Valletta, ikkometta serq minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni HQZ073, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-haga misruqa u bil-valur liema valur jeccedi il-mitejn tnejn u tletin euro u tlieta u disghan centezmu (232.93ewro) izda ma jiskorriex elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), ghad-detrimemt ta' Samer Wahoud u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

2. *Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara huwa izjed minn mitejn u ħamsin euro (250), izda ma huwiex izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500), ghad-detrimemt ta' Samer Wahoud u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

3. *Akkuzat talli bejn l-04 ta` Awissu u il-05 ta` Awissu, 2023, ghall-habta tat-00:300hrs u/jew fil-hinijiet ta` qabel, gewwa l-Floriana, ikkometta serq minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAV819, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-haga misruqa u bil-hin, ghad-detrimemt ta' David Borg u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

4. *Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara huwa izjed minn mitejn u ħamsin euro (250), izda ma huwiex izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500), ghad-detrimemt ta' David Borg u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

5. *Akkuzat talli nhar it-02 ta` Awissu, 2023, ghall-habta tat-16:15hrs u/jew fil-hinijiet ta` qabel, gewwa l-Belt Valletta, ikkometta serq minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni AXA001, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-haga misruqa u bil-valur liema valur jeccedi il-mitejn tnejn u tletin euro u tlieta u disghan centezmu (232.93ewro) izda ma jiskorriex elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), ghad-detrimemt ta' Ruth Gatt u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

6. *Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara huwa izjed minn mitejn u ħamsin euro (250), izda ma huwiex izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500), ghad-detrimemt ta' Ruth Gatt u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

7. *Akkuzat talli nhar id-29 ta` Lulju, 2023, ghall-habta tal-15:45hrs u/jew fil-hinijiet ta` qabel, gewwa l-Floriana, ikkometta serq minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBI842, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-haga misruqa, ghad-detrimemt ta' Ratish Nair u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

**8.** *Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara huwa izjed minn mitejn u ħamsin euro (250), izda ma huwiex izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500), ghad-detrimemt ta' Ratish Nair u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

**9.** *Akkuzat talli nhar il-25 ta` Lulju, 2023, ghall-habta tal-21:36hrs u/jew fil-hinijiet ta` qabel, gewwa l-Floriana, ikkometta serq minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni ALI989, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-haga misruqa u bil-valur liema valur jeccedi il-mitejn tnejn u tletin euro u tlieta u disghan centezmu (232.93ewro) izda ma jiskorriex elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), ghad-detrimemt ta' Ali Mohamad u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

**10.** *Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara huwa izjed minn mitejn u ħamsin euro (250), izda ma huwiex izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500), ghad-detrimemt ta' Ali Mohamad u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

**11.** *Akkuzat talli nhar it-23 ta` Lulju, 2023, ghall-habta tal-23:37hrs u/jew fil-hinijiet ta` qabel, gewwa l-Floriana, ikkometta serq minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni XOC035, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-haga misruqa u bil-hin, ghad-detrimemt ta' Neil Debono u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

**12.** *Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara huwa izjed minn mitejn u ħamsin euro (250), izda ma huwiex izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500), ghad-detrimemt ta' Neil Debono u/jew persuni jew entitajiet ohra;*

**13.** *Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-23 ta` Lulju, 2023, u l-24 ta' Lulju 2023, gewwa l-Belt Valletta, ikkometta serq ta' apparat elettroniku ghad detriment ta' Christian Gauci u/jew perusni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur liema valur jeccedi il-mitejn tnejn u tletin euro u*

*tlieta u disghan centezmu (232.93ewro) izda ma jiskorriex elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);*

***14.*** *Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi huwa akkuzat talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula cioe' sententza datata 30 ta' Gunju 2021 mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D. u sentenza ohra datata 20 ta' Ottubru 2021 mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D."*

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u li waqt is-seduta li saret illum l-Qorti Istruttorja fissret lill imputat l-effetti ta' dan il-kunsens, kif ukoll li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, u dan wara li l-Qorti tatu żmien xieraq u l-fakultà li jikkonsulta mal-avukat tiegħu. B' hekk il-Qorti Istruttorja ai termini tal-Artikolu 370(4) ikkonvertiet ruħha u saret kompetenti li tittratta l-każ tal-imputat u li tagħti s-sentenza minnufih.

Rat li wara li sar l-eżami tal-imputat waqt is-seduta tal-lum huwa ammetta l-imputazzjonijiet, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, u għal dan il-għan issospendiet il-kawża, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Il-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, kif ukoll li skont l-avukat difensur huwa wettaq l-atti msemmija sabiex imantni l-vizzju tad-droga. Il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa reċidiv, u li skont il-fedina penali eżebita fl-atti l-imputat kellu opportunitajiet ampji jirriforma ruħu, iżda jidher li dan ma seħħx. Għaldaqstant din il-Qoprti hija tal fehma li piena karċerarja effettiva għandha sservi l-għanijiet maħsuba fil-ligi almenu jekk mhux ta' riforma, ta deterrenza. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll dak li jgħid l-artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, tal-Liġijiet ta' Malta, ċioe li meta s-serq ikun ikkwalifikat bil-valur akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, il-piena stabbilita m'għandiex tingħata fil-minimu tagħha.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll dak li jgħid l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, cioé li meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(ċ), (f) u (g), 267, 270, 271(g), 289, 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

l-Qorti fuq ammissjoni tal-akkużat stess issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal-piena ta' sentejn (2) u nofs xhur priġunerija effettiva.

Illi in oltre ai termini ta' l-Artikolu 412D tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament, għar-riabilitazzjoni tiegħu mid-dipendenza tiegħu mid-droga, u dan għal perijodu ta' sentejn (2) u nofs skont il-kundizzjonijiet fid-digriet kontestwali, f'liema żmien huwa għandu joqgħod għar-rakkomandazjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation li jiġi maħtur mid-Direttur tal-Probation u Parole. Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi l-effetti ta' din l-Ordni.

Fl-aħħarnett il-Qorti tordna l-kommunika ta' din is-sentenza u tad-digriet relattiv lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**

**Maġistrat**

**Josanne Gauci**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------